MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Numru 8/2001

**Att ta’ Akkuza : 8/2001**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Carol Mangion**

Il-Qorti

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-20 ta' Settembru, 2001 li tghid kif gej:-

"Il-Qorti

Rat l-att ta' akkuza numru 8/2001;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentata fil-11 ta’ Settembru, 2001, li permezz taghha l-istess Avukat Generali irtira u ceda l-aggravanti tad-distanza ta’ mitt metru kif migjuba fl-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, lill-imsemmi Carol Mangion iwiegeb li huwa hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta’ Akkuza (kif modifikat bin-nota msemmija), f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie minn dina l-Qorti mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u nghata zmien biex jahsibha u jekk irid jerga’ lura minnha, u dan kif rikjest bl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali;

Tiddikjara lill-imsemmi Carol Mangion hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga erojina bi ksur tal-ligi, b’dan li r-reat kien jikkonsisti fil-bejgh, provvista jew amministrazzjoni jew f’li wiehed joffri li jaghmel wiehed minn dawn l-atti lil persuna li kienet qed issegwi programm ta’ kura jew ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, u b’dan ukoll li r-reat sar b’diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, **u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza**; tiddikjarah hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, b’dan li l-pusses kien taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, u b’dan ukoll li r-reat sar b’diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, **u dan skond it-tieni kap tal-Att ta’ Akkuza**; tiddikjarah hati ta’ omicidju involuntarju, u cioe` talli

b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' persuna, **u dan skond it-tielet kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza**; fl-ahhar nett tiddikjara lill-istess Carol Mangion hati li huwa recidiv f'delitt;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni; semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati u lill-Avukata Dott. Donatella Frendo Dimech ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; semghet bil-gurament lis-Sur Joseph Gatt tal-*Caritas* kif ukoll lill-hati minn jeddu; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi s-segwenti:

***1. li l-hati kien huwa stess dipendenti mid-droga, u kien ilu hekk dipendenti minn meta kien ta' eta` zghira;***

***2. li fil-kors ta' dawn il-proceduri, u cioe` fil-periodu li kien qed jinzamm taht arrest preventiv (mil-25 ta' Marzu, 1997 sas-16 ta' Lulju, 1999) hu ghamel kors biex jipprova jirbah il-problema li kellu, u li dan il-kors kellu grosso modo effetti pozittivi fuq il-karattru u fuq il-mod kif il-hati jibda jara l-hajja, u anke jidher, ghall-anqas sa issa, li huwa qata' kompletament il-vizzju li huwa kellu;***

***3. il-fatt li huwa ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu quddiem din il-Qorti fi stadju relattivament avvanzat, u ghalhekk din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-principji minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi;***
***4. il-fatt li t-traffikar da parti tal-hati ma sarx f'xi okkazzjoni ta' darba jew fil-konfront ta' persuna wahda, izda kien hemm diversi okkazzjonijiet u diversi persuni (ara, oltre d-deposizzjoni ta' Massimo Perrone, id-deposizzjonijiet ta' Paul Borg [fol. 214], Mark Borg [fol. 243] u Christopher Sammut [fol. 392] ) ;***

***5. in-natura kontinwata tar-reati migjuba fl-ewwel u fit-tieni kapi; ir-recidiva, kif ukoll il-fedina penali tal-hati;***

***6. kif ukoll il-fatt li bejn l-ewwel u t-tieni kap hemm in-ness tal-mezz ghall-fini;***

Tosserva in partikolari li ghar-rigward ta’ l-ewwel zewg kapi (salv dejjem il-kwistjoni tal-konkors appena msemmija) il-piena skond l-Artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101 hija dik ta’ prigunerija ghall-ghomor. L-istess dispozizzjoni izda, fis-sub-paragrafu (aa), tipprovdi li meta l-Qorti tkun tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha msemmija fl-istess disposizzjoni, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, il-Qorti tista’ tikkundanna lill-hati ghall-piena ta’ prigunerija ghall-zmien ta’ mhux anqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena, u multa ta’ mhux anqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 20, u 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa) tieni proviso (3A)(d) tal-Kap. 101; ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 18, 22, 23, 49, 50, 225 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Carol Mangion ghall-piena ta’ seba’ (7) snin u disa’ (9) xhur prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz, kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta’ disa’ telef lira (Lm 9,000), konvertibbli f’sitt xhur prigunerija ohra f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-hati Carol Mangion ukoll jekk il-proprjeta` immobbli tieghu minn meta huwa gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes u proprjeta` mobbli jew immobbli jinsabu f’xi post barra minn Malta; fl-ahhar nett tordna lill-hati jhallas lir-registratur is-

somma ta’ erba’ mija u tnejn u sebghin lira u sitta w tmenin centezmu (Lm472.86) spejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mil-lum";

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Carol Mangion fejn huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar ir-reita` u tibdilha dwar il-piena billi taghti wahda aktar miti li taghmel ghall-kaz, u hekk tkun saret gustizzja mal-kaz u mal-appellanti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-appellant Carol Mangion bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-appellant u dik tal-prosekutur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2003;

Ikkonsidrat:

Dan l-appell ta' Carol Mangion hu biss dwar il-piena. L-appellant ihoss li ghandha tinghata piena aktar miti li tkun aktar konsonanti ghall-kaz sabiex b'hekk tkun saret gustizzja mieghu;

Fir-rikors tal-appell tieghu Carol Mangion jissottometti li bl-imsemmija sentenza tal-20 ta' Settembru 2001 huwa nstab hati ta' spacc ta’ droga, pussess tal-istess u omicidju nvolontarju. B'hekk huwa gie kundannat ghall-piena ta’ seba’ snin u disa’ xhur prigunerija bit-tnaqqis tal-arrest preventiv, u inoltre gie kundannat ihallas multa ta’ Lm9000;

L-appellant hass ruhu aggravat b'din is-sentenza;

Fl-ewwel lok l-appellant jippretendi li huwa ghandu jibbenifika mill-provedimenti tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li persuna li tinstab hatja ta’ reati bhal dawk li taghhom instab hati l-appellant tista tibbenefika minn tnaqqis tal-piena u dana f’zewg kazijiet. L-ewwel jekk il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-

process li l-persuna hatja tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha d-droga u t-tieni jekk l-istess persuna tipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija;

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni ghamlet tali dikjarazzjoni anzi jidher li l-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma kienet konvinta li l-informazzjoni li ta l-appellant wassslet sabiex ikunu identifikati l-persuni li fornew id-droga;

Lanqas ma jista jinghad li l-appellant ipprova b’mod sufficjenti li huwa ghen lill-Pulizija biex jigu individwati dawk li kienu jipprovdulu d-droga. F’dan ir-rigward l-appellant offra li jiddeponi quddiem din il-qorti f'din il-fazi tal-process. Fl-ewwel lok l-appellanti qal li huwa kien jixtri d-droga minn fejn isib. Huwa semma xi postijiet minn fejn kien jakkwista d-droga. Possibilment dawn il-postijiet huma gia ben mgharufa lill-investigaturi. Huwa semma ukoll tlieta minn nies, fosthom wiehed li llum hu mejjet, li maghhom huwa kien jiehu d-droga u gieli dawn gabu d-droga maghhom u gieli l-appellant huwa stess ipprovda d-droga. L-appellant qal li huwa ma jafx minn fejn dawn it-tlieta minn nies kienu jakkwistaw d-droga. Minn dak li qal l-appellant iktar involva nies li mieghu kienu jikkosmaw id-droga milli t-traffikanti veri tad-droga. Ghalhekk ma jirrizultax li l-appellant ta xi informazzjoni preciza u determinanti li tista titqies utili ghal finijiet tal-imsemmija provedimenti tal-Kapitolu 101;

Fit-tieni lok l-appellant hass ruhu aggarvat bl-imsemmija sentenza peress li, skond huwa, kellha tinghata sentenza aktar miti sabiex tkun aktar konsonanti mar-reati in kwestjoni u mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. F’dan ir-rigward l-appellant issottometta li huwa kien ilu vizzjat tad-droga minn eta’ zghira u ghalhekk kontinwament kien jghix f'cirku tan-nies li jhalltu u jaqsmu bejniethom id-droga. L-appellant issottometta li ma kienx hu li direttament ghadda d-droga lill-vittima u dan inaqqas mill-gravita' ghar-rigward tar-responsabbilta` tieghu. L-appellant isemmi li messa nghatat konsiderazzjoni ghal fatt li huwa ghazel li jammetti l-htija tieghu kmieni fil-

proceduri u ghal-fatt li malli dahal il-habs ghamel kors ghar-riabilitazzjoni kontra d-droga u f'dan ir-rigward huwa ghamel referenza ghax-xhieda tar-rappresentant tal-Caritas li kkonferma li saret bidla kbira fil-karattru u fl-imgieba tieghu. L-appellant isemmi ukoll li dan il-kaz seta' gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati izda l-Avukat Generali ghazel li l-kaz jigi deciz minn guri u b`hekk kien hemm qabza enormi u sproporzjonata fil-piena. Inoltre l-appellant jammetti n-natura kontinwata tar-reat pero huwa ukoll ghandu jigi konsidrat bhala vittima innocenti peress li kien fid-droga bhala vizzju minn eta` zghira. L-appellant isostni li ma kienx moghti ghan-negozju tad-droga sabiex huwa jghamel qliegh u dana peress li huwa ukoll kien jikkonsma d-droga u ukoll kif jidher mill-assi li jirrizultaw tal-appellant;

Mill-istess sentenza appellata jirrizulta b'mod car li l-ewwel qorti qiset diversi fatturi li l-appellant jghid li kellhom jigu konsidrati qabel ma nghatat is-sentenza u l-piena relattiva. Difatti l-ewwel qorti kkonsidrat dak li qal meta ddepona r-rappresentant tal-Caritas, kif ukoll ikkonsidrat il-fatt li l-appellant kien huwa stess dipendenti mid-droga u kien ilu hekk dipendenti minn meta kien ta' eta` zghira. L-ewwel Qorti kkonsidrat ukoll li l-appellant, wara li gie arrestat ittanta jissupera l-problema tad-droga u li dan il-fatt seta kellu effetti pozittivi kemm fuq il-karattru tieghu kif ukoll fuq il-mod kif huwa jhares lejn il-hajja. L-ewwel qorti ukoll ikkonsidrat l-istadju li fih l-appellant ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Kwestjonijiet ohra li ssolleva l-appellant f'dan l-istadju tal-appell mhux daqstant determinanti sabiex jista jkun hemm bdil fil-piena inflitta. Difatti l-kwestjoni li ma kienx l-appellant li ghadda d-droga direttament lill-vittima, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi fattur sekondarju peress li kien l-appellant li in effett forna d-droga li wasslet ghall dan l-incident fatali. F'dan ir-rigward l-agir tal-appellant ghandhu jigi kunsidrat li hu gravi u ma jnaqqas xejn mir-responsabilita' penali tieghu. Il-kwestjoni tal-ghazla li ghamel l-Avukat Generali dwar liema qorti kellha tiggudika dan il-kaz u l-kwestjoni li l-appellant jista jkun li ma kienx

abitwalment jinnegozja d-droga ghal qliegh ma jbiddlu xejn ghar-rigward tal-piena inflitta. Effettivament il-piena inflitta mhux wahda esagerata u ma hemmx dubju li hi proporzjonata ghar-reati in kwestjoni u ghac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz;

In vista ta dan kollu s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad dan l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------